# KUNSILL LOKALI NADUR

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

## GĦAXAR (10) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Erbgħa u Għoxrin (24)

## 19 ta' Jannar 2026

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fis-sala tal-Kunsill f-4:00pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Kevin Curmi | Viċi Sindku |
| Dr. Rebecca Vella | Kunsilliera |
| Eucharist Camilleri | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Elisa Buttigieg | L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**Kumitat tal-Finanzi-** Kien hemm prezenti l-Accountant tal-Kunsill u l-membri l-oħra tal-Kumitat tal-Finanzi.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Kienet prezenti l-Accountant tal-Kunsill għal din il-laqgħa. Hi pprezentat update tas-sitwazzjoni

finanzjara tal-Kunsill u spjegat fid-dettal. Wara diskussjoni fit-tul il-Kunsilliera prezenti approvaw il-Quarterly Reports Lulju-Settembru 2025.

Il-Viċi Sindku Kevin Curmi qal li l-Kunsill kellu piz u kellna inwaqqfu Kumitat tal-Finanzi izda issa bdejna naraw il-pożittivita'.

Il-Kunsillier Eucharist Camilleri irringrazzja l-mod ta' kif imxejna. Hu kompla jgħid li jixtieq aktar appoġġ fuq l-allokazzjoni u mhux jara l-Kunsill minn fejn għandu igib fondi. Hu qal ukoll li l-Gvern centrali għandu jemmen aktar fuq il-Kunsilli.

Il-Kunsilliera Dr. Rebecca Vella qalet li qed naraw differenza u qed immorru għal l-aħjar u qed naħdmu bilgħaqal.

Il-Kunsillier Jean Paul Portelli qal li qabel is-sitwazzjoni kienet ħazin imma issa qedin ħafna aħjar.

**24.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kien hemm hadd assenti.

**24.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti**

Il-Minuti tat-tnejn u għoxrin il-laqgħa (23) tat-18 ta' Diċembru 2025 ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbgħatu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 23 ġiet iffirmata. Din ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretraju Eżekuttiv, Proponent- Rebecca Vella u Sekondant- Kevin Curmi .

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjeġati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil dwar l-iskeda tal-paġamenti.

**24.3. Informazzjoni dwar sitwazzjoni finanzjarja**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv taw update fuq l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet il-bank. Is-Sindku spjega ukoll id-dħul u l-ħrug tal-finanzi u pożizzjoni finanzjarja.

Kien hemm qbil li jgħaddi l-advance payment fuq il-Latrina ta' San Blas lil Kuntrattur peress li ġie ukoll ċertikat ix-xogħol mill-Perit tal-kunsill.

**24.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, mistoqsijiet u żviluppi mil-Kunsilliera;**

Pendenti minn dak mitlub:

***Sar xogħol mit-talbiet ta' kull kunsillier matul l-aħħar xahar.***

- Sindku:- Titranga parti minn rampa fi Triq Bingemma, maintenance fil-Gazebo tal-Ħali, zbir tal-palm, Tikħil tal-gebel f'Gnien il-kunsill, Bozza fi Triq DC cocco palmeri, sement that bankini  fi Triq Xjuf ir-Riħ.
- Viċi Sindku :- ħajt tas-sejjieħ fi Triq ir-Ramla l-Qadima, tabelli ta' speed limits fi Triq tad-Duru, tabella Daħlet Qorrot mooring u bankina fi Triq Lazzru Pisani.
- Avv.Rebecca Vella :- Ma hemm xejn pendent.
- Eucharist Camilleri :-Mera fi Triq it-Tigrija u Qtugħ tal-bajtar fi Triq San Gakbu.
- Jean Paul Portelli :- Rampa f'Wied Bingemma u Rampa biex titranga fi Triq Wied Bingemma.

**Updates mill-Kunsilliera:**

**Sindku:**

- Is-Sindku pprovda l-aħħar zviluppi dwar it-Torri ta' Kenuna. Saret site visit flimkien mal-Ministeru u l-espert  u informa li ma x'aktarx se ikun difficli li jintrabat. L-espert informa li

dan huwa urġenti minhabba is-sitwazzjoni tas-sies u li se jitkellem ma SDPH. L-espert għandu jagħmel rapport.

- Drenaġġ San Blas- Ser isir laqgħa.
- Is-Sindku ta update fuq Triq Xandriku- Ser jiġu TM u perit minħabba parking bays, zebgħa u sinjali.
- Triq it-Tigrija -Il-Kunsilliera Dr. Rebecca Vella ser tikteb lil MGP għal laqgħa.
- Is-Sindku ta update fuq Triq L-Emigranti – qed nistennew mingħand surveyer il-livelli.
- Latrina l-ġdida ta' San Blas-
- Town Twinning EU funded u qed jiġi finalizzat program u ser illejla ser isir laqgħa għal parteċipanti. Qed insibu ħafna għajnuna mingħand il-Pro Loco. Is-Sindku irringrazzja lil Viċi Sindku Kevin Curmi għal fondi li gew applikati.
- Twinning Funds – Il-Viċi Sindku Kevin Curmi ser jara x'jista jiġi applikat.
- Ground tal-Football- Kien hemm laqgħa mall-Perit tal-Kunsill u l-club u ser naraw li jkollna draft ta' talba biex jintbgħat lil MGP.
- Latrina San Blas – Is-Sindku ta update fuq ix-xogħol. Ser jinħargu kwotazzjonijiet għal Attendant u offerta għas-servizzi.
- Belvedere Duru – Il-Permess DNO approvat u ser jinbeda l-offerta.
- Is-Sindku ta update fuq il-Multiplay tal-Ħali.
- MGP Toroq - Inriedu nibgħatu mappa.
- Chicken Farm skola – Is-Sindu ta update.
- Tour Hungary- Is-Sindku ta update u qal li t-titjirat huma reservati. Il-Kunsillier Eucharist Camilleri għamel suggeriment biex l-ewwel preferenza jkunu r-residenti tan-Nadur.
- Emails intbgħatu dwar Hungary u dwar Presidium.
- Fondi EU – Dawn ser jiġu diskussi fil-laqgħa ta' Frar fid-dettal.

**Kevin Curmi:**

- Għandu Laqgħa ma' SEM biex jara x'hemm bzonn fuq l-applikazzjoni għal Town twinning.

**34.5. Korrispondenza**

Ittra għal kollaborazzjoni ma għaqda Triq il-Kappillan għal -attivita' Festa Citru. Kien hemm qbil.

Talba għal kollaborazzjoni tal-Kunċert -At The Cross. Kien hemm qbil.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## KUNSILL LOKALI NADUR

Talba mingħand Matthew Curmi dwar tlett tabelli ta' informazzjoni biex jehlu fejn waqghu ajruplani fin-Nadur. Kien hemm qbil.

**24.6 Offerti Pubblici.**

Ser nibdew naħdmu fuq ħrug tal-offerti tal-Ħali – dawl u rubber, L-offerta tar-restawr tal-Monument ta' Ġnien il-Kunsill, sqaq Pjazza Dun Martin Camilleri u Belveder tad-Duru.

Ser naħdu ukoll fuq l-offerti li ser jgħalqu tal-Kiri ta' machinery u sement.

Trid toħrog offerta tas-servizzi fuq il-latrina il-ġdida ta' San Blas.

Kwotazzjonijiet għal kiri ta' Garage- Is-Sindku ħareg mill-laqgħa waqt li kienet diskussa din il-materja minhabba li ddikjara li kellu kunflitt ta' interess. Kien hemm ħames kwotazzjonijiet. L-orħos waħda kienet ta' garage fi Triq il-Kappillan bl-ammont ta' 210 euro kull xahar u dawl u ilma inkluz. Kien hemm qbil fuq dan bejn il-Kunsilliera peress li kienet l-orħos u konformi. Dan il-ħin daħal lura s-Sindku. Kien hemm qbil li jitħallas il-garage li hemm bhalissa fi Triq it-Tramuntana bl-ammont li kellu fil-kuntratt li skada ix-xhur wara sakemm nieħdu l-oġġetti fil-garage l-ieħor.

**24.7. Progetti u skemi:**

**Fondi LESA ġodda-** Ser jiġi applikat il-Proġett tal-Gebel l-Aħmar.

**Skema LESA (Latrina San Blas)** u fondi DPF– Is-Sindku ta update fuq il-Latrina ta' San Blas u l-varations għas-servizzi.

**Triq ir-Ramla** – Ser nibdew pjan għat-tieni kisja. Niktbu lil Kuntrattur.

**SPI/SCI/02/2024-Finanzjament-Komunijiet aktar b'saħħithom u inklussivi** (għal equipment fil-playing field tal-Ħali) – Ix-xogħol beda.

**Proġett Pjazza** – ser nistennew stimi u l-pjanijiet.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

**SPI.SCI.06.2025- Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (tal-Ħali)**- Qed naħdmu fuq l-offerta.

**SPI.SCI.07.25- Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita'**(Tad-Duru). Qed naħdmu fuq l-offerta.

**24.8. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Soċjali:**

**Karnival 2026**- Ġie diskuss l-programm tal-Karnival Organizzat,

Ingabru l-Kwotazzjonijiet ghas-servizzi kollha li jaqbzu certu limitu relatati mal-Karnival. Kien hemm qbil li jintgħazlu l-orħos u konformi offerti.

CVC – direct order TVM prime time. Kien hemm qbil fuq din.

Gew diskussi il-karrijiet ta' filgħaxija matul l-Karnival spontanju u r-reklamar dwar ir-regoli ta' filgħaxija.

**Dramm 2026-** Ser joħrog reklam wara l-Karnival.

**Wine Festival 2026**- Is-Sindku innota li l-bands huma konfermati. Dawn huma:- Straight Ahead, Rebecca Bonello, Cash and Band u Rug. Kien hemm qbil mill-Kunsilliera fuq dawn. MTA ser jgħinu ukoll f'din l-attivita'.

**Wirja 2026 –** Ser isir laqgħa wara l-Karnival u napplikaw għal fondi ma' MGP.

24.9. **Materji oħra:**

Ma kien hemm xejn pendenti.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

**24.10.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku**

**24.10.1. Rikjesti mis-Sindku Edward Said:-**

- Talba għal tindif ta' gutters fi Triq Daħlet Qorrot – tnejn.
- Talba biex jiċċaqlaq dog bin tal-Ħali.
- Talba għal mera fi Triq Madre Gemma Camilleri ma Triq Xandriku
- Talba għal sement fi Triq Wied Rihan.

**24.10.2.Rikjesti mingħand il-Viċi Sindku Kevin Curmi:-**

- Karozza abbandunata fi Triq Lazzru Pisani. Gie infurmat diġa l-community police fuqha.

**24.10.4. Rikjesti mingħand il-Kunsillier Jean Paul Portelli**

- Talba biex isir laqgħa Nutritionist u spizjar ta' l-għasafar fil-Kunsill. Kien hemm qbil.

**24.11 Tmiem tal-laqgħa.**

Il-laqgħa spiċċat fis 7:00pm. Laqgħa li jmiss ser tkun fit-23 ta' Frar, ħin jiġi diskuss il quddiem.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva